MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Numru 5759/2007

**Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb u Spettur Dr Noel Cutajar)**

**v.**

**Emanuel Borg**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali presentat il-bierah a tenur ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu l-istess Avukat Generali talab ir-revoka tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti Rimandanti lil Emanuel Borg bid-digriet taghha tat-13 ta' Settembru 2007;

Rat l-atti relevanti; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

**1.** Emanuel Borg hu mfittex mill-awtoritajiet gudizzjarji tal-Qorti ta’ Modica, fl-Italja, in konnessjoni ma’ reati ta’ partecipazzjoni f’organizzazzjoni kriminali u traffikar ta’ bnedmin. Intalbet it-treggija lura tieghu lejn l-Italja, u inhareg Mandat ta’ Arrest Ewropew fil-konfront tieghu. B’zewg decizjonijiet tal-Qorti Rimandanti, wahda tas-7 ta’ Settembru 2007 u l-ohra tat-13 ta’ Settembru 2007, it-talba ghall-estradizzjoni intlaqghet u dik il-qorti ordnat li l-“estradant jintbaghat lejn l-Italja skond l-Artikoli 13(5) u 24” ta’ l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (A.L. 320/2004). Dik il-Qorti, pero`, fl-istess decizjoni tat-13 ta’ Settembru 2007 <u>ipposponiet il-konsenja tal-persuna</u>, konformement ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 28A(2) ta’ l-imemmi Ordni, u dan peress li l-imsemmi Borg ghandu pendenti kontra tieghu f’Malta proceduri ohrajn (dwar drogi) quddiem il-Qorti Istruttorja. Fl-istess udjenza tat-13 ta’ Settembru 2007, il-Qorti Rimandanti, permezz ta’ provvediment iehor – digriet – akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest lill-imsemmi Borg.

**2.** Jibda biex jinghad li ma hemmx dubbju li din il-Qorti – il-Qorti Kriminali – ghandha gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni tar-rikors ta’ l-Avukat Generali intavolat il-bierah, u dan qed jinghad minhabba xi dubbji li donnhom gew espressi f’dan ir-rigward mill-abbili difensur tall-intimat, l-Avukatt Dott. Joseph Giglio, fl-udjenza tal-lum. Il-Qorti Rimandanti hi effettivament il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja – fl-Artikolu 15 tal-Kap. 276 tintuza l-espressjoni ekwipollenti “qorti ta’ kumpilazzjoni” – izda tissejjah “Qorti Rimandanti” (“Court of Committal” bl-ingliz) u ghandha l-istess poteri ta’ Qorti Istruttorja izda modifikati skond il-Kap. 276 u ligijiet sussidjarji ghall-finijiet ta’ proceduri ta’ estradizzjoni.

**3.** Issa, galadarba l-Qorti Rimandanti laqghet it-talba ghall-estradizzjoni, hija kienet obbligata li tibghat lill-imsemmi Borg biex jinzamm “taht kustodja fi stennija ghat-treggigh lura” tieghu, u l-espressjoni “taht kustodja” hija l-antitezi ta’ helsien mill-arrest. Tali ordni ta’ kustodja ghandu jsir anke meta, bhalma gara f’dan il-kaz, l-istess Qorti Rimandanti tordna l-posponiment tal-konsenja tal-persuna li tkun skond ma jipprovdi l-Artikolu 28A imsemmi. Dan ifisser li l-istess Qorti ma setghetx fl-istess nifs tibghat lill-estradant “taht kustodja” u nifs (ankorke’ bi provvediment separat) takkordalu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest, kif effettivament ghamlet.

**4.** Fil-kors tat-trattazzjoni tal-lum, l-abbili difensur tal-intimat Borg issottometta li jekk din hija l-posizzjoni legali, allura jkun ifisser li persuna fil-posizzjoni ta’ l-intimat ma tista’ qatt tinghata l-helsien mill-arrest anke jekk il-proceduri l-ohra jdumu zmien irragjonevoli u f’dawk il-proceduri l-ohra l-estradant (imputata jew akkuzat f’dawk il-proceduri l-ohra) ikun inghata l-helsien mill-arrest. Din il-Qorti ma taqbilx. Meta jkun hemm il-posponiment tal-konsenja ghal raguni imsemmija fl-Artikolu 28A, wiehed neccessarjament jassumi li dawk il-proceduri l-ohra jitmexxew <u>bl-akbar speditezza</u> proprju biex l-estradant ikun jista’ effettivament jintbaghat lura lejn il-pajjiz li jkun talab l-estradizzjoni tieghu. Jekk dan ma jsirx, allura l-Qorti Rimandanti ikollha l-poter residwu – suggett ghal revizjoni minn din il-Qorti, cioe` l-Qorti Kriminali, sia jekk jinghata l-helsien mill-arrest u sia jekk ma jinghatax – li tikkonsidra talbiet ghall-helsien mill-arrest; pero` dan ma tistax taghmlu kontemporaneament, jew kwazi kontemporaneament, ma’ l-ordni taghha biex l-estradant jinzamm taht kustodja. Huwa veru li l-ligi ta’ l-estradizzjoni tqieghed emfazi qawwija fuq il-“committal to custody” sabiex dak li jkun ikun jista’ jitregga’ lura; izda meta l-Qorti Rimandanti tkunipposponiet it-treggih lura tal-estradant ossia l-konsenja tieghu fit-termini tal-Artikolu 28A tal-A.L. 320/2004 minhabba proceduri <u>penali</u> ohra li <u>l-iStat Malti ikun qed imexxi kontra l-estradant</u>, irid ikun hemm rimedju

ordinarju f'kaz li dawk il-proceduri penali ma jitmexxewx kif suppost.

**5.** Ghall-motivi premessi, u salv dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti Rimandanti (fol. 89 sa 93) li permezz tieghu l-intimat Emanuel Borg inghata l-helsien mill-arrest, u konsegwentement tordna li l-istess Borg jibqa' jinzamm taht arrest fit-termini ta' l-Artikolu 24 tal-A.L. 224/2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------